**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia B.A; LL.M (Kent); LL.D**

**Kaz numru 302/2017**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Josric Mifsud)**

**vs.**

**Jason Zammit**

**Illum it-18 ta' Jannar 2021**

Il Qorti:

Rat illi tressaq Jason Zammit ta' 42 sena bin Anthony u Annuzjata nee' Agius, imwieled Pieta', nhar it-22 ta' Novembru, 1974, resident fil-fond numru Mammaia Crt, Flt 3, Triq id-Dugh, Marsaskala, detentur tal-karta tal-Identita 557874M

akkuzat talli nhar id-29 ta' Mejju, 2016, ghal habta tas-sebgha nieqes kwart ta filghaxija (1845hrs) gewwa Triq Santa Teresa, Bormla

a. **Talli**; b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-

traffiku, ikkaġuna l-mewt ta' ***Emanuel Micallef*** ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta

b. **Talli**; saq b'manjiera traskurata u perikoluza u dan ai termini tal-Artikolu 15(1)(a) u (b) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta Malta

c. **Talli**; ghamel hsara involontarja fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ***JBS931*** ghad-dannu ta' Emanuel Micallef u dan ai termini tal-Artikolu 328(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta

Ukoll il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputati ihalsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula skond l'artikoli 49, 50, u 289 ta' kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

Rat il-kunsens tal-Avukat General sabiex il-kawza odjerna tigi ttrattata bi procedura sommarja.[1]

Rat illi meta l-imputat gie mistoqsi xi jwiegeb ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.[2]

[1] Folio 3 ta' l-atti processwali
[2] Folio 32 ta' l-atti processwali

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[3]

Rat li fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 2020 il-partijiet ivverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga tisma lix-xhieda prodotti inkluz li terga taghmel access fuq il-post in kwistjoni.[4]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar id-29 ta' Settembru 2020.

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar it-22 ta' Ottubru 2020.

Rat id-dokumenti kollha prezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda kollha, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni datat is-6 ta' Novembru 2020 u n-nota tad-difiza ta' l-imputat datat 29 ta' Marzu 2021.

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2020.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Din il-kawza hija rizultat ta' kollizjoni li saret nhar id-29 ta' Mejju 2016, ghal habta tas-sebgha neqsin kwart ta' filghaxija meta saret habta bejn tlett vetturi.

[3] Folio 141-143 ta' l-atti processwali
[4] Folio 199 ta' l-atti processwali

Wara li dawn it-tlett vetturi laqtu lil xulxin, wahda minnhom taret fl-arja u laqghet terza vettura waqt li kienet qed tinqeleb u bhala konsegwenza miet wiehed mix-xuffiera.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tad-9 t'Ottubru 2017, xehdet il-**Prof Marie Therese Camilleri Podesta** li kkonfermat li fit-30 ta' Mejju 2016, hija flimkien mal-kollegi taghha ghamlu l-ezami *post mortem* fuq il-kadavru ta' Emanuel Micallef fejn kien gie ccertifikat li l-kawza tal-mewt tieghu kienet frattura tal-kranju u lacerazzjoni tal-mohh. Hija kkonfermat li Micallef kien involut f'incident tat-traffiku u tilef hajtu fuq il-post. Il-griehi li kienu l-kawza tal-mewt kienu kompatibbli ma incident tat-traffiku.

Fl-istess seduta xehdet **Josephine Incorvaja** li stqarret li meta sehh l-incident, hija kienet fil-karozza waqt li kien qed isuq ir-ragel taghha Joseph Incorvaja u kienu qed jivvjaggaw lejn id-direzzjoni ta' Smart City. F'daqqa wahda kien hemm karozza gejja minn naha opposta, ta' kulur ahmar, li kienet qed tipprova taqbez karozza ohra u habtet fihom meta ma kienx hemm bizzejjed spazju biex tiskapula. Mad-daqqa, li kienet l-aktar fuq in-naha tax-xufier, tar hafna hgieg u x-xhud ma tiftakar xejn izjed.

Fl-istess seduta xehed **Joseph Incorvaja** li spjega li huwa kien qed isuq fi Triq Santa Tereza, Bormla, direzzjoni lejn Smart City meta f'daqqa wahda, mill-karreggjata opposta, ra zewg karozzi, fejn wahda minnhom bdiet tipprova

taqbez lil ta' quddiemha izda minhabba li ma kelliex bizzejjed spazju laqtitha u imbaqghat dahlet fil-karozza tax-xhud. Skont ix-xhud, il-karrozza li ghamlet il-manuvra ta' qbiz kienet dik misjuqa mid-defunt Emanuel Micallef u kienet hi li habtet fil-genb tal-karozza tal-imputat Jason Zammit. Il-karozza ta' Micallef gholiet u giet quddiem il-karozza tax-xhud bil-konsegwenza li laqtitha ukoll. In kontro-ezami kkonferma li l-karozza tal-imputat baqghet diehla fuq bollard li kien fuq il-bankina fin-naha tax-xellug taghha. Stqarr ukoll li sa fejn jiftakar, il-marki tat-triq huma linji bojod maqsuna u l-limitu tal-velocita' huwa dak ta' 30km/siegha.

Fl-istess seduta xehed **Charlo Zammit**, li jigi hu l-imputat Jason Zammit. Meta sehh l-incident, huwa kien flimkien ma huh fil-vettura tat-tip Toyota Vitz u kienu qed isuqu minn naha tal-Birgu lejn l-Ghassa ta' Bormla. Skont hu, qalghu daqqa kbira fuq quddiem mill-genb tax-xufier tal-karozza bil-konsegwenza li l-karozza taghhom daret u spiccat gol-barriers. Huwa seta' jara ukoll li l-karozza li laqtithom, li kienet Toyota Aygo ta' lewn griz, tinqaleb u tahbat f'karozza ohra. Ix-xhud stqarr li originarjament huh kien qed isuq minn naha ta' Bormla lejn il-Birgu izda imbaghad dahal idawwar go triq ohra u hareg lejn in-naha tal-Ghassa ta' Bormla. L-incident sehh meta kienu qabdu jsuqu ghad-dritt u ghalhekk mhux ezatt fejn tizbokka is-*side road* fejn dahlu jdawwru. Ikkwalifika ukoll li minn fejn kien bil-qieghda hu, ma setax jara t-traffiku li kien gej u sejjer. In kontro-ezami stqarr li l-marki tat-triq fejn sehh l-impatt huma linja bajda maqsuma u t-triq fejn dawwru kienet triq li wiehed jista' jidhol fiha. Jiftakar li kien hemm tabelli jindikaw limitu ta' 30km/siegha.

Fl-istess seduta xehdet **Ramona Barbara**, li kienet passiggieri fuq wara tal-karozza misjuqa mill-imputat Jason Zammit. Meta hemm l-impatt hija kienet mitlufa titkellem ma Maryanne Borg li kienet bil-qieghda ma genbha fuq wara u ma rat xejn li sehh qabel id-daqqa. Wara li nhasset id-daqqa fin-naha tax-

xufier tal-karozza rat karozza tinqaleb. Skont hi, kienu qed isuqu lejn id-direzzjoni ta' Bormla.

Fl-istess seduta xehdet **Maryanne Borg** li minn naha taghha stqarret li ma tiftakarx wisq ghax kienet mitlufa fid-diskors u kienet bil-qieghda fuq wara tal-karozza fuq in-naha tal-passiggier minn fejn ma tantx setghat tara ghajr il-bankina u l-hwienet.

Fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2017 xehed l-espert maħtur mill-Qorti **Mario Buttigieg** fejn wara li ħalef ir-rapport li huwa għamel bħala parti mill-inkjesta relattiva. Huwa spjega li wara li ra filmat CCTV meħud miż-żoma tal-inċident, spjega li d-dinamika tal-inċident kienet li s-sewwieq tal-vettura CBP 876 Toyota Vitz għamel U-turn, daħal ġo triq sekondarja, irriversja bil-kontra u eżatt kif kien se jaqla' ġiet vettura JPS 931 Toyto Aygo, misjuqa minn Emanuel Zammit li laqtet il-Vitz fuq wara, konsegwentement l-Aygo taret u ħabtet mal-vettura Ford Fusion HBH 741 Ford Fusion, misjuqa minn Joseph Incorvaja, li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta.

In kontro-eżami l-espert ikkonferma li fuq il-lok hemm senjaletiku li tikkonferma li l-veloċita' massima permessibbli hija 30km/siegha u kkonferma ukoll li ż-żewġ karreġġjati li huma maqsumin *broken white line*. Il-vettura tal-imputat kella daqqa fuq wara, ħsarat fuq il-*mud shield* fuq in-naħa tal-lemin ta' wara, il-mirja tal-ġenb, il-bumper u l-bieba ta' quddiem tan-naħa tal-lemin u grif tul in-naħa tal-lemin kollha. Id-daqqa fuq wara kienet kompatibbli ma' ħabta minn wara fuq in-naħa tal-lemin, u din kienet biżżejjed biex il-karozza tiġi żbilanċjata u litteralment ittir. Id-deskrizzjoni teknika hija "*side sweep collision*" fejn ikun kemm *exchange of momentum* bejn il-karozzi involuti. Id-daqqa kienet biżżejjed biex tiżbilanċja l-vettura Aygo kemm minħabba li Emanuel Micallef kien għaddej b'veloċità qawwija ħafna u ukoll għaliex il-

karozza Aygo hija waħda ħafifa. Skont il-filmat, hekk kif l-imputat kien ħa joħroġ mis-*side road*, Micallef  baqa' dieħel fuq wara, biss minn dan, l-espert ma setax jikkonkludi b'ċertezza li Micallef kien ser jaqbeż lill-Aygo u imbagħad ra l-Fusion ġej mid-direzzjoni opposta. Ma kienx hemm wisq distanza bejn is-*side road* u fejn seħħ l-impatt u l-espert stabilixxa li bid-daqqa, l-vetturi imxew madwar 10 metri 'l isfel. Fuq il-post ma ġewx riskontrati *brake marks* u probabbilment minħabba l-fatt li l-vettura Aygo hija mgħammra bl-*anti-lock braking system* (ABS). Skont l-espert, l-imputat ħareġ fil-karreġġjata tat-triq prinċipali bil-lura, waqaf, imbagħad kien ser jaqla' bil-quddiem u kif qed jaqla' bil-mod,  ġie Micallef u tah daqqa minn wara. Mistoqsi b'liema veloċita' kien ġej Micallef, l-espert ikkonferma li dan żgur kien aktar minn 30km/siegha iżda ma setax jasal għal ċifra eżatta minħabba li ma kienx għamel dawn il-kalkoli f'dak l-istadju u għalhekk, ingħata estensjoni tal-inkarigu tiegħu sabiex jistabilixxi l-veloċita',

L-istess espert rega' xehed fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2018 fejn spjega li in segwitu ghall-estensjoni tal-inkarigu moghti lilu, rega mar fuq il-post tal-incident u kkalkula d-distanza ta' minn fejn sehh l-impatt sa fejn strahet il-karozza. Il-vettura hadet 0.4 ta' sekonda u b'hekk l-espert hareg li l-velocita' relattiva kienet ta' 99.54 km/siegha. Ikkalkula ukoll id-distanza minn fejn wiehed seta' jara il-vettura tal-imputat, liema distana kienet ta' bejn 13.83m sa 27.65m. Ikkonferma ukoll li fl-akkwata hemm zewg *pedestrian crossings*. Fuq din ix-xhieda, l-espert gie kontro-ezaminat waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2018. Huwa stqarr li mill-filmati CCTV li ra, ma kienx possibbli li wiehed jidentifika min kien qed isuq il-vetturi rispettivi. Iccara ukoll li ghalkemm id-daqqa bejn l-Aygo u l-Vitz kienet fuq wara, l-impatt kien aktar *side sweep impact* u dan sehh waqt li l-Vitz kienet interament fil-karreggjata tat-triq principali, wara li l-imputat kien ikkompleta l-manuvra li ghamel sabiex dawwar. Bhala moviment, l-imputat kien ghadu kif qala' minn wieqaf meta sehh l-impatt. L-espert stqarr

li meta ghamel ir-rapport originali tieghu, huwa ma kienx ra l-filmati tal-incident *slow motion*. L-espert iddeskriva l-istop sign li hemm fi Triq Matty Grima kantuniera ma Triq Santa Tereza bhala *blind spot* minhabba li ma tantx hemm vizibilita' minn Triq Santa Tereza. Sa ma waslet fejn sehh l-impatt, il-vettura Aygo bilfors li ghaddiet minn fuq *pedestrian crossing* li hemm aktar 'il fuq. L-espert ikkonceda li tenut kont li l-karozza Aygo hija wahda b'kapacitajiet modesti, biex tilhaq velocita' ta' 100km/siegha triq tkun ilek ghaddej sew minn qabel izda ukoll, jista' jkun li n-nizla li hemm fit-triq ghenet sabiex il-velocita' tikber.

L-espert rega' gie prodott in kontro-ezami fis-seduta tat-22 t'Ottubru 2020. B'refernza ghad-diskrepanza li hemm bejn il-figuri ta' 13.83m u 27.65m in kwantu ta' distanza minn fejn wiehed seta' jara il-vettura tal-imputat, l-espert spjega li dan id-divarju huwa dovut għal kemm kien twil ir-*reaction time* tal-vittma. Generalment, ir-*reaction time* ivarja bejn nofs sekonda u sekonda u qabel li jekk bniedem ikun taht l-influwenza ta' xorb jew droga, ir-*reaction time* jista' jizdied sostanzjalment. l-espert spjega li l-ispeċifikazzjonijiet dwar il-vettura Toyota Aygo kwotahom mis-sit tal-manifattur stess. Minn naħa tiegħu, l-espert ikkonkluda li għalkemm jaf kellu *reaction time* kompromess, meta ra l-Vitz ħierġa, il-vittma għamel xi tip ta' *braking* jew xi tip ta' manuvri biex prova jevita l-inċident milli jseħħ għax kieku ma kinietx issir *side slip* iżda kienet tkun *front to rear collision* sempliċi. Spjega li ghalkemm fit-teorija vettura mgħammra bl-ABS xorta jistgħu iħallu xi *brake marks* ħfief, il-viżibbilita' tal-istess tiddependi ukoll mill-kondizzjoni tal-wiċċ tat-triq, li lokalment ġieli jkun kważi totalment lixx kważi *polished*.

Fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2017 xehed ukoll **Dr Steven Farrugia Sacco**, li kien maħtur bħala espert fl-inkjesta maġisterjali sabiex jeleva u janalizza filmati

CCTV. Wara li ħalef ir-relazzjoni tiegħu, in kontro-eżami, huwa stqarr li meta ra l-filmati CCTV, ġibed il-partijiet relevanti abbażi tal-ħin mogħti u l-fatt li essenzjalment ra dak li kien jidher bħala inċident fit-triq. Il-filmati huma meħuda mill-kameras tal-istabbilimenti Café Pastucci u Best Play li hemm fiż-żona.

Fl-istess seduta xehed il-**Perit Dr Robert Musumeci**, li ukoll kien maħtur bħala espert fl-inkjesta maġisterjali. Wara li ħalef ir-relazzjoni tiegħu, spjega li huwa aċċeda fuq il-post, ikkostata dak li kien hemm, irrediġa pjanti skalati, anki ritratti, u l-pjanti jagħmlu riferenza ukoll għar-ritratti. Huwa kkonferma li hemm senjaletika li tindika li l-velocita' massima permessibbli hija ta' 30km/siegha u anke' li hemm *broken white lines*. Spjega li s-side street konċernata hija Triq Matty Grima li għalkemm hija angolata mat-triq maġġuri, però angolata kważi kartabum u hemm *stop sign* fil-bidu tal-kurvaturi. Skont l-espert, huwa kkonstata xi *brake marks* u indikahom fil-pjanta li għamel. Dawn jibdew fit-tarf ta' Triq Matty Grima, liema marki huma abbinati mal-vetturaToyota Vitz. Ikkonkluda hemm għaliex meta tipproġetta l-marka, li kienet ta' madwar 9 metri, jiltaqa' mar-rota tan-naħa ta' wara tax-xellug tal-Vitz.

Fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2018, xehed **LARO Antoine Grech**, ufficjal tal-Protezzjoni Civili. Huwa spjega li in segwitu tar-rapport dwar l-incident odjern ghall-habta tas-18:45hrs, kienu nizlu erba min nies minn Kordin. Kien hemm tlett vetturi involuti fejn wahdu minnhom kienet maqluba fuq genb u kien ghad hemm persuna maqbuda go fiha. Hekk kif kien ser jibda jassisti, waslet ambulanza fuq il-lok u t-tim mediku kien iccertifika li l-vittma kien mejjet. Hekk kif inghatat l-ordni, tqattghet il-karozza sabiex jinhareg il-vittma. Ix-xhud ikkonferma li l-persuni l-ohrajn involuti fl-incident kienu hargu mill-karozzi l-ohrajn minghajr assistenza.

Fl-istess seduta xehed **Fabian Farrugia**, ufficjal tal-Protezzjoni Civili, li minn naha tieghu ikkorrobora dak li xehed LARO Antoine Grech. Jiftakar li t-tim mediku kien iccertifika lill-vittma bhala mejjet mill-ewwel u allura, l-*extraction* tieghu sar wara li kienu saru l-ezamijiet kollha necessarji bhala parti mill-inkjesta. Il-kadavru inhareg billi wara li tqatta' l-pilastru u parti mis-saqaf tal-karozza Toyota Aygo.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Lawrence Raymond Spiteri**, ufficjal tal-Protezzjoni Civili li kkonferma dak li xehdu l-ufficjali l-ohrajn, b'dan li zied li l-vittma Emanuel Micallef kien popolarment maghruf bhala "Deejay Lito". Spjega li l-estratt tal-imsemmi vittma sar billi tqattghet toqba fis-saqaf tal-karozza biex b'hekk issir l-anqas hsara lill-kadavru.

Fl-istess seduta xehedu ukoll **Natalino Tabone** u **Luca Crisifoli**, it-tnejn ufficjali tal-Protezzjoni Civili li minn naha taghhom it-tnejn ikkorroboraw ix-xhieda moghtija mill-kollegi l-ohrajn li xehdu.

Fid-29 ta' Settembru 2020 xehed **Dr Michael Scott-Ham** bil-lingwa Ingliza permezz ta' *video link*. Huwa kien gie mahtur bhala espert fit-tossikologija fl-inkjesta magisterjali. Minn investigazzjonijiet tossikologici li huwa ghamel fuq kampjuni elevati mill-kadavru ta' Emanuel Micallef, irrizulta li dan kellu koncentrazzjoni ta' 107mg per 100ml fid-demm u koncentrazzjoni ta' 182mg per 100ml fil-*viterous humour* tal-ghajn. L-espert spjega li l-koncentrazzjoni fil-*viterous humour* normalment tikkorrespondi ghal circa 158mg per 100ml fid-demm. Il-kampjun tad-demm provdut kien kemmxejn deterjorat u allura strah aktar fuq dak mill-*viterous humour*. L-espert spjega li b'koncentrazzjoni bhal dik konstatata, li hija madwar id-doppju tal-limitu legali f'Malta f'dak iz-zmien, persuna jkun fi stat ta' sokor li jkollu effett sinifikanti fuq l-abbilta' tieghu *o meno*

li jsuq vettura, senjatament billi zzid ir-*reaction time*. Fir-rigward tal-abbuz tas-sustanza kannabis minn Emanuel Micallef, l-espert spjega li mill-livell ta' *tetrahyrdrocannabinol* (THC) li instab fil-kampjuni, il-probabbilita' hija li kien hemm abbuz ricenti mis-sustanza qabel sehhet il-habta – kwistjoni ta' ftit sieghat. Ix-xhud kompla jelabora li jekk isir abbuz mix-xorb u l-kannabis simultanjament jew fi spazju qasir taz-zmien, l-effetti jista' jkunu ferm aktar qawwija u t-tnejn li huma jistghu iwasslu ghal zieda sinifikanti fir-*reaction time* u allura, l-abilita' li wiehed isuq b'mod sigur.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

Illi l-imputat principalemt tressaq talli b'nuqqas ta' hsieb, bi trakskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, ikkaguna l-mewt ta' Emanuel Micallef ai termini ta' l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll li saq b'manjiera traskurata u perikoluza u dan bi ksur ta' l-artikolu 15(1)(a)u(b) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 225(1) tal-Kodici Kriminali jghid:

*(1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta uerbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87)*

L-artikolu 15(1)(a)(b) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*(1) Kull min –*

*(a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajrliċenza tas-sewqan jewvettura bil-mutur jew vetturaoħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta'kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda matkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle; jew*

*(b) iġiegħel, iħalli jew jippermetti li l-vettura bil-muturjew vettura oħra tiegħu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il-liċenza meħtieġa biex issuq vettura bil-mutur jew vettura oħra,*

*ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multata' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerijata' mhux iżjed minn sena.*

Il-Qorti tibda biex tikkwota mill-Awtur **Mario Codagnone** mill-ktieb tieghu **"Casi Pratici in Materia di Circolazione Stradali"** fejn f'pagna 51 jghid:

*"Riteniamo che allo stato attuale delle cose, si imponga anzi tutto un affermazione di principio: la strada e' di tutti. Essa e' un bene alcui utenza i cittadini tutti sono ammessi con parita' di diritti e di doveri ed oseremo anzi dire con maggiori doveri da parti di coloro che la dominano alla guida di mezzi che, per le loro intrinziche caratteristiche di velocita' e potenza, possono costituire, anche solo per questo, un imminente pericolo per la circolazione."*

Il-Qorti taghmel referenza ghall-**Archbold** fil-ktieb **"Criminal Pleading Evidence and Practice**" fejn intqal

*"Where death results in consequence of a negligent act, it would seem that, to create criminal responsibility, the degree of negligence must be so gross as to amount to recklessness . . . probably, of all the epithets that can be applied, reckless most nearly covers the case . . . . but whatever epithet be used, and whether an epithet be used or not,*

*in order to establish criminal responsibility, the facts must be such that . . . the negligence of the prisoner went beyond a matter of compensation between subjects and showed such disregard for the life and safety of others as to amount to a crime against the state and conduct deserving punishment.."*

Il-Qorti taghmel referenza ghall-ktieb **Blackstone's Criminal Practice**[5] fejn intqal:

*"It should be noted that danger to the person is not qualified by any adjective and therefore, as long as it is not de minimis, any danger to any person, even though slight, if obvious to the 'competent and careful' driver, would suffice. In* ***Hennigan*** *[1971] 3 All ER 133, a case of causing death by reckless driving under the TRA 1960, the recklessness consisted mainly of the speed at which the defendant was driving; the driver of the other car, which contained the two persons who were killed, may well have been substantially to blame for the accident. The court held that there was nothing in the legislation which required the manner of the accused's driving to be a substantial or a major cause of the accident, as long as it was 'a cause and something more than de minimis.' Similarly, it was said in* ***Skelton*** *[1995] Crim LR 635 that no particular degree of contribution to the death, beyond a negligible one, is required. An acceptable direction to the jury is that they do not have to be sure that the defendant's driving 'was the principal, or a substantial, cause of the death, as long as [they] are sure that it was a cause and that there was something more than a slight or a trifling link' (****Kimsey****) [1996] Crim LR 35).*

*The standard of driving must fall 'far below' that expected of a 'competent and careful' driver and it must be obvious to a 'competent and careful' driver that the manner of driving is dangerous."*

[5] 2006

Dwar l-elementi mehtiega tas-sewqan traskurat il-Qorti tal-Appell tar-Renju Unit, fil-kaz **Knight** sostniet:

*"driving in such a manner as to create an obvious and serious risk of causing physical harm to some other person who might happen to be using the road, or doing substantial damage to property' and 'that in driving in that manner [the defendant] did so without having given any thought to the possibility of there being any such risk, or having recognised that there was some risk involved, had nonetheless gone on to take it."*

Fil-ligi nostrana dan l-ezami dwar il-mens rea gie indirizzat fil-kawza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**[6] fejn inghad:

*"Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuż, hemm neċessarjament l-element ta' attività diretta għal xi fini partikolari li minħabba nuqqas ta' ċertu prekawzjonijiet jistgħu jiġu leżi jew danneġġjati jew ippreġudikati linteressi ta' terzi. ...*

*Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuża, derivanti minn atti ta' negliġenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' liġijiet, regolament, ordnijiet u simili:*

*L-imprudenza tiġi mill-aġir ta' xi ħadd mingħajr ma' jieħu l-opportuni kawteli;*

*In-negliġenza tiġi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-aġent filkondotta tiegħu;*

*L-imperizja hija l-forma speċifika tal-kulpa profesjonali, cjoe', kif jgħid il-Manzini: "inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tenur conto":*

[6] Deciza nhar il-31 ta' Lulju 1998, Qorti tal-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Patrick Vella

*Il-kulpa tista' tkun dovuta ukoll għal non-osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bħal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u speċifika bl-iskop li jiġi evitat il-possibilita' ta' ħsara u dannu lil terzi ċjoe', dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni…"*

In fatti f'dawn it-tip ta reati mhuwiex il-mens rea per se fir-rigward l-intenzjoni li jikkaguna r-reat li rrid jigi ezaminat u dan ghaliex it-test li ghandu jigi adattat huwa test oggettiv u mhux suggettiv kif gie ritenut fil-kaz **Loukes** [1996] 1 Cr App R 444 fejn il-Qorti ta' l-Appell sostniet:

*"Proof of guilt depends on an objective standard of driving, namely, what would have been obvious to a competent and careful driver. The accused's driver's state of mind is relevant only if and to the extent that it attributes additional knowledge to the notional competent and careful driver…It should be noted too that the threshold of proof is high. It must be shown that the defect was 'obvious' to a 'competent and careful driver'. It is not enough to show in the case of such a driver that, say, if he had examined the vehicle by going underneath it, he would have seen the defect."*

Filwaqt li l-legislatur naqas milli jaghti spjegazzjoni tat-termini 'nuqqas ta' hsieb' u 'traskuragni' fil-ligi nostrana, il-Qrati taghna dejjem interpretaw dawn it-termini bhala nuqqas ta' attenzjoni u ta' tehid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija fic-cirkostanzi partikolari.

Dawn il-principju gew stabilliti fis-sentenza **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli**[7] fejn gie ritenut:

*"Hu meħtieġ għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 239 (illum 225) tal-Kodiċi Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negliġenti – konsistenti*

[7] Qorti Kriminali, Deciza 4 ta' Frar 1961

*ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb ("imprudenza"), traskuraġni ("negliġenza"), jew ta' ħila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti speċifikatament f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawżalità minn event dannuż involontarju.*

*Għandu jiġi premess illi, għall-aċċertament tal-ħtija minħabba f'kondotta negliġenti, għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta, ċioè illi fil-każ konkret kienet tiġi użata minn persuna ta' intelliġenza, diliġenza u sensibilità normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oġġettiva għall-ġudikant, iħallih fl-istess ħin liberu li jivvaluta d-diliġenza tal-każ konkret."*[8]

Dan il-principju gie kkonfermat fis-sentenza **Il-Pulizija vs Richard Grech**[9] li ghamlet referenza ghas-sentenza hawn fuq imsemmija u zdiedet tghid:

*"Biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid iżomm f' moħħu li fil-ħajja soċjali spiss jinħolqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta għal xi fini partikolari tista' tagħti lok għal konsegwenzi dannużi lil terzi. Lesperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - ċjoè, l-esperjenza komuni għall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attività partikolari - tgħallem li f' dawn il-każijiet wieħed għandu juża ċerti prekawzjonijiet bil-għan li jevita li l-interessi ta' l-oħrajn jiġu ppreġudikati;*

*…. Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna tagħmel dak li hu raġonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannużi ta' għemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wieħed jagħmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setgħu jikkaġunaw ħsara. It-traskuraġni, mill-banda l-oħra,*

[8] Volum 45, Parti Nru 4, Pagna 870, 903
[9] Qorti tal-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Dr. Vincent DeGaetano; Deciza 21 ta' Marzu 1996

*timplika ċertu non-kuranza, ċertu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiż-żewġ każijiet però, il-ħsara tkun prevedibbli għalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wieħed ikun qiegħed fil-kamp doluż b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni pożittiva indiretta."*

Il-**Professur Anthony Mamo** fin-noti tieghu izzid jghid:

*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable."*

Fir-rigward tal-livell ta' diligenza li l-ligi tesigi li tigi adoperata, il-Professur Mamo jghid:

*"The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonsable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of 'an ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence" it has been said "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would do"*

Finalment il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**[10] dwar it-tifsiriet u l-elementi li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan.

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1997

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza taddisposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont (reckless driving) hu deskritt fis- Subartikolu [2] talimsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla ssitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

*Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, ssewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.*

*Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain19,)."*

**Ikkunsidrat**

**Id-deposizzjoni ta' l-imputat**

Matul il-proceduri l-imputat ghazel li ma jaghtix ix-xhieda tieghu. Madankollu l-imputat kien ghazel li jaghti d-desposizzjoni tieghu fl-inkjest magisterjali quddiem l-espert mahtur Dr. Mario Buttigieg u dan wara li gie informat bid-dritt tieghu bil-ligi illi jikkonsulta ma avukat tal-fiducja tieghu *a priori* tal-investigazzjoni u wara li gie mwissi bid-dritt tieghu moghti bil-ligi illi kellu dritt li ma jixhidx fil-konfront tieghu stess.[11] Wara li ta d-desposizzjoni tieghu, giet moqrija u iffirmata mill-imputat.[12]

Fid-desposizzjoni tieghu l-imputat stqarr li kien ix-xufier u mieghu kellu tlett passigieri.

*"Ahna konna gejjin min-naha tal-Birgu direzzjoni lejn l-ghassa ta' Bormla meta f'daqqa w il-hin hassjet daqqa fil-gemb tal-vettura u bid-daqqa tefani fil-barriers li hemm imwahhlin fuq in-naha tax-xellug ta' triq. Jien nghaddi darbtejn kuljum minn din it-triq.*

…

*Kif wasalt hdejn it-triq sekondarja jiena ksirt ghal go fija fejn dort fit-triq sekondarja. Qabel ma hrigt jiena waqaft fi triq sekondarja u kif qlajt u drittajt u anki mxejt diversi metri sehhet il-kollizjoni. Wara l-incident jiena inzilt u anki dhalt ghalih fil-vettura u sibtu maqbud bejn it-tifrik."*[13]

Madankollu meta ittiedet id-diposizzjoni tal-imputat, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul id-diposizzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit fuq bazi preliminari minn din il-Qorti jekk id-diposizzjoni in kwistjoni kienitx konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u

[11] Folio 132-133 ta' l-inkjesta magisterjali
[12] Folio 158 ta' l-inkjesta magisterjali
[13] Folio 132 ta' l-inkjesta magisterjali

dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta l-imputat ta d-diposizzjoni tiegħu, huwa kien ingħata id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu. Madankollu ma kien ingħata l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tiegħu matul d-diposizzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att LI tas-sena 2016 li dahlet fis-sehh fit-28 ta' Novembru 2016.[14] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li l-imputat ta' d-diposizzjoni tieghu.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti sentenzi fejn din il-lanjanza diga giet sorvolata mill-Qrati lokali taghna u tibda bil-kaz **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**[15]**,** **(**liema sentenza d-difiza ghamlet ukoll riferenza ghaliha fit-trattazzjonji finali taghha) deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018, fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti u dan dejjem skond id-Direttiva 2013/48 ta' l-Unjoni Ewropea.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din il-posizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija jew deposizjoni. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi

[14] Fit-28 ta' Novembru 2016
[15] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

materjali apparti l-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.[16] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l-avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[17] fejn il-Qorti rriteniet:

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija filproċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fis-sentenza **Graziella Attard vs Avukat Generali**[18] fejn il-Qorti rriteniet:

*"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti*

[16] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali
[17] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018
[18] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali

*rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

*Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[19]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[20]

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

**Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**[21] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

[19] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[20] Folio 14 tas-sentenza
[21] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtenticità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għallpreżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[22]

Illi din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[23]

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal **Roderick Castillo vs Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**[24] fejn gie ikkonfermat li meta issir ezami dwar l-ammissibilita ta' l-istqarrija ghandu ssir ukoll ezami tal-proceduri kollha hekk kif indikat fis-sentenza **Beuze vs. Belgium**.

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputat, u tinsab konvinta li l-imputat assolutament mhuiex ben konxju jew imdorri ghall-proceduri u l-prattici tal-pulizija u iktar u iktar tenut kont ta' l-eta tenera tieghu meta sehh l-incident.

Maghdud ma dan kollu l-Qorti ma tistax tinjora l-insenjamenti lokali u regonali f'dan il-qasam, u a bazi tal-istess insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul id-diposizzjoni tieghu għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat.

Din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġu b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tad-disposizzjoni tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti

[22] Folio 25 tas-sentenza

[23] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18

[24] Deciza 20 ta' Lulju 2020, Qorti Kostituzzjonali, S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 20/16

qiegħda tiddeċiedi li tiskarta l-istess diposizzjoni tieghu u ma tqisiex bħala prova f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat**

Il-prosekuzzjoni esebit ir-rapport ta' l-incident bir-referenza NPS 4/G/1174/2016.[25] Fir-rapport jirrizulta li l-incident sehh nhar id-29 ta' Mejju 2016 ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart ta' filghaxija gewwa Triq Santa Tereza, il-Bormla.

Fir-rapport tal-pulizija, l-imputat kien stqarr

*"li huwa kien nizel fuq is-side tieghi minn naha tal-Birgu. F'daqqa u l-hin giet karozza bi speed eccessiv minn wara. Habtet mieghu u taghtu daqqa kbira ghax ipprova jghaddi minn bejnu u bejn il-vettura li kienet gejja opposta. Jason kompla jghid li wara dan tat-Toyota Aygo nqaleb fuq il-vettura li kienet gejja.*

*Wara dan Jason nizel mill-vettura tieghu biex jaghti l-ewwel ghajnuna izda ma seta jaghmel xejn ghax il-persuna kienet giet maqbuda gol vettura b'tali mod li hu ma setax johorgu minnha wahdu.*

*Jason Zammit kompla jghid li l-vettura li kien qed isuq, cioe il-vettura CBP876 ma kenitx tieghu, izda kienet ta' l-gharusa ta' huh, certa Ann Mary Borg."*[26]

Minn l-istess rapport jirrizulta li wiehed mis-sewwieqa Joseph Incorvaja kien fil-vettura tieghu ma martu u tiela fuq il-linja tieghu.

[25] Folio 16-28 ta' l-atti processwali
[26] Folio 28 ta' l-atti processwali

*"F'daqqa wahda rajt karozza silver li kienet gejja minn quddiemi imma fuq in-naha l-ohra. Laqtet il-vettura l-ohra, tar fl-arja u laqat lili waqt li kien qed jinqeleb."*[27]

Bhala hsara li garrbet din il-karozza kien inghad hekk:

*"il-genb tal-lemin kollu. Windscreen. Hsarat fuq gewwa peress li kien hemm xi likwidu nizel bhal zejt jew ilma fl-art. Saqaf u roti."*[28]

Fir-rigward it-tieni vettura li kienet involuta u misjuqa mill-imputat irrizulta li s-sewwieq kien niezel fuq in-naha tieghu min-naha tal-Birgu.

*"F'daqqa u l-hin gie karozza bi speed eccessiv minn warajja. Naf li tghatni daqqa kbira ghax hu prova jghaddi minn bejni u minn bejn karozza li kienet gejja mill-oppost. Laqatni fuq quddiem u nqaleb fuq il-vettura li kienet gejja. Wara dan jien inzilt mil-karozza u dhalt ghalieh mil-vettura tieghu. Izda dan ma kienx possibli ghaliha li jinhareg mil-karozza ghax kien maqbud taht it-tifrik tal-karozza."*[29]

Il-passiggiera bil-qeghda quddiem ta' l-istess karozza, Charlot Zammit stqarret hekk fir-rapport:

*"Konnha nezlin direzzjoni lejn l-ghassa ta' Bormla. F'daqqa wahda hassejna daqqa kbira. Bid-daqqa tefana go Ballard u rajna il-karozza maqluba. Indunajna li dan kien startjat u jiena tfejta sakemm l-iehor mar jara x'kien sar mix-xufier umbghad ersaqna lura ghax gew il-Pulizija."*[30]

[27] Folio 18 ta' l-atti processwali
[28] Folio 19 ta' l-atti processwali
[29] Folio 20 ta' l-atti processwali
[30] Folio 21 ta' l-atti processwali

Iz-zewg passiggiera li kienu bilqeghda fuq wara, Ramona Barbara u Mary Ann Borg stqarrew li hassu daqqa b'hoss qawwi li ma jafux minn fejn giet u meta harsu raw vettura ta' l-ghamla Toyota maqluba quddiemhom.[31]

Fil-parti tar-rapport fejn gie deskritt l-incident, l-incident huwa deskritt bhala *overtaking*. Bhala spjegazzjoni hemm indikat li l-vettura misjuqa mid-defunt Emanuel Micallef ta' l-ghamla Toyata Aygo bin-numru tar-registrazzjoni JBS931 kienet niezla minn Triq Santa Tereza, Bormla direzzjoni lejn Misrah Gavino Gulia, Bormla. Hekk kif wasslet il-vettura misjuqa mill-imputat ta' l-ghamla Toyota Vitz bin-numru tar-registrazzjoni CBP876, Micallef ipprova jaqla lill-imputat u ma ndunax li fil-karreggjata l-ohra kienet gejja vettua ohra ta' l-ghamla Ford Fusion bin-numru tar-registrazzjoni HBH741 misjuqa minn Joseph Incorvaja. Sabiex jevita jolqot il-karozza ta' Joseh Incorvaja, kiser minnufih ghal fuq l-imputat sabiex jevitah izda b'xi mod laqat il-parti ta' quddiem ta' l-istess vettura b'konsegwenza li dan inqaleb bil-vettura u baqa diehel fuq il-vettura ta' Joseph Incorvaja. Bhala konsegwenza ta' dan kollu, ma' l-impatt il-vettura ta' Micallef spiccat maqluba u wieqfa bis-saqaf ma' l-art u x-xufier Micallef maqbud go fiha.[32]

Il-membri tal-protezzjoni civili taw assistenza lil Emanuel Micallef sabiex johorguh mill-vettura u minkejja t-tentattivi taghhom, wara ftit ta' hin Micallef inqala minn taht il-vettura fejn gie ddikjarat mejjet fuq il-post mit-tabib Dr. Jonathan Joslin MD.

Mix-xhieda ta' Josephine Incorvaja[33] li kienet passiggiera fil-karozza misjuqa mir-ragel taghha Joseph Incorvaja irrizulta hekk:

[31] Folio 22 ta' l-atti processwali
[32] Folio 24 ta' l-atti processwali
[33] Folio 37-39 ta' l-atti processwali

*"Jien u r-ragel, konna tilghin lejn Smart City it-triq ta' Bormla u tilghin normali, nara karozza niezla, ohra ppruvat taqbez u habtet maghha u telghet ghal fuqna."*[34]

Ix-xhud stqarret li l-karozza li kienet warajhom kienet minghaliha hamra, filwaqt li dik ta' quddiema kienet x'aktarx silver.

Meta kienet mistoqsija x'rat lil-karozza hamra taghmel wiegbet:

*"Xhud: Rajtha taqla lil ohra ghax abbli ma kienetx taf li tilghin ahna, taqla lil ohra, tahbat ma l-ohra u tigi ghal go fina ghax gholiet, ghax imbaghad ma kienx hemm wisgha bizzejjed hu.*

*Qorti: Meta, qed tghidli rajtha taqla, jigifieri rajtha taghmel overtaking?*

*Xhud: Hekk qisu ghaqx dak il-hin f'sekonda.*
……
*Xhud: Jien li niftakar naraha qalghet u malli qisu ra lilna tilghin ipprova jaghfas ghal ma l-ohra imma ma setax jevitana lanqas lilna, ahna qeghdin fit-triq taghna u baqa' gej ghal fuqna. Jien hekk rajt, jien ma nsuqx u ma tantx nifhem."*[35]

In kontro ezami x-xhud ikkonfermat li din il-karozza kienet niezla n-naha taghhom u li laqtet in-naha tax-xufier.[36]

Mix-xhieda ta' Joseph Incorvaja[37], ir-ragel tax-xhud Josephine Incorvaja ikkonferma li kienu qeghdin issuq fit-Triq Santa Tereza, Bormla, tilghin lejn

[34] Folio 37 ta' l-atti processwali
[35] Folio 38 ta' l-atti processwali
[36] Folio 39 ta' l-atti processwali
[37] Folio 40-42 ta' l-atti processwali

Smart City *"u f'daqqa wahda mill-lane l-ohra nara zewg (2) karozzi, wahda qisha marret taqbez lill-ohra, laqtet lil ta' quddiemha, beda jirrombla u laqghat lil taghna."*

Ix-xhud kompla jiccara li

*"Xhud: Ta' Zammit kien quddiem u ta' Micallef kien wara*

*…*

*wara xulxin.*

*Pros: Issa x'gara, x'rajt inti b'ghajnejk?*

*Xhud: Jien rajt li qisu mar jaqla, laqtu.*

*Qorti: Min mar jaqla?*

*Xhud: Micallef?*

*Qorti: Micallef mar jaqla.*

*Xhud: Laqtu, gholliet il-karozza u…*

*Qorti: Jigifieri Micallef mar jaghmel overtaking, mar jaqla, laqtet il-karozza ta' Zammit, minn fejn laqtitha, fejn laqtitha?*

*Xhud: Fil-gemb*

*Qorti: Fil-gemb u x'hin laqtitha fil-gemb tajtha tghola inti l-karozza?*

*Xhud: Rajtgha tghola*

*Qorti: Il-karozza ta' Micallef rajtha tgholha?*

*Xhud: Iva u llendjat fuq il-karozza tieghi, jien kont fuq il-lane l-ohra ovvjament.*

*Qorti: U inti kont qieghed fuq il-karreggjata opposta, u fejn spiccat allura fuq il-karozza tieghek, fuq il-bonnet, fejn?*

*Xhud: Bonnet, windscreen, fuq il-bastun li nahseb salvana u baqghet iddur mieghi.*

*Qorti: U lilek jigfieri laqtitek b'liema parti l-karozza ta' Micallef?*

*Xhud: Bis-saqaf.*

*Qorti: Jigifieri kienet diga daret meta spiccat fuq il-karozza tieghek?*

*Xhud: Iva."*

*…..*

*Pros: Issa qabel Micallef jahbat ma Zammit, jigifieri l-karozza li habtet mieghek wara, rajt xi haga ohra qabel?*

*Xhud: Ma niftakar li rajt xejn jiena."* [38]

In kontro ezami x-xhud ikkonferma li wara li sehh l-incident u l-karozza ta' l-imputat giet milqugha mill-karozza ta' Zammit dahlet minghalih fuq xi bollard u li dahlet fuq il-bankina fuq in-naha tax-xellug.[39]

[38] Folio 41 ta' l-atti processwali

[39] Folio 42 ta' l-atti processwali

Mix-xhieda ta' Charlo Zammit[40] irrizulta li huwa hu l-imputat u wara li nghata t-twissija li ghandu dritt li ma jixhidx kontra huk ghazel li jixhed. Ix-xhud spjega li kienu sejrin lejn l-ghassa ta' Bormla jieklu u li kien bilqeghda fuq quddiem tal-karozza fuq in-naha tal-passiggier.

Zammit stqarr li *"qlajna daqqa kbira minn gol-gemb tal-karozza u spiccajna gol-barriers."* Ix-xhud spjega li d-daqqa saret min-naha tax-xufier fuq quddiem, fil-parti tar-rota u l-*mudguard* ta' quddiem. Meta hadu d-daqqa daru u spiccat gol-barriers, imbaghad raw karozza tinqaleb u tahbat ma karozza ohra.

Ix-xhud ikkonferma li l-karozza li l-ewwel laqtithom u imbaghad inqalbet u baqghet sejra kienet ta' l-ghamla Toyota Aygo ta' kulu griz.

Ix-xhud spjega li fit-tragit f'hin minnhom dwaru l-karozza got-triq qabel taqbad it-telgha. Fuq in-nahha tax-xuffier kien hemm triq, dahhlu gewwa fiha, daru fiha u regghu hargu. Madankollu, l-incident ma sehhx f'dan il-mument izda l-quddiem izjed meta huma kienu qabdu t-triq id-dritta.

*"Pros: Mela intom dortu fuq il-lemin, dhaltu go triq fuq il-lemin, hareg minn gewwa din it-triq u mbaghad sehh l-incident, kemm dam, ghaddew minuti, ghaddew kwarta, kemm ghadda hin bejn wiehed w iehor?*

*Xhud: Ghaxra (10), hmistax (15) il-sekonda"*[41]

In kontro ezami x-xhud ikkonferma li minghaliha s-sinjal tat-triq huwa maqsum u li kien hemm sinjali li juru li tista ssuq fl-inhawi b'velocita ta' tletin (30) kilometru fis-siegha. Ix-xhud ikkonferma wkoll li ftakar li ma l-art kien

[40] Folio 43-48 ta' l-atti processwali
[41] Folio 46 ta' l-atti processwali

hemm sinjali tondi mpingijin ma l-art bin-numru tletin mitkuba go fihom. Zammit stqarr ukoll li d-distanza bejn fejn ghamlu l-manuvra fejn daru u fejn sehh l-incident kien hemm distanza tul ta' awla tal-Qorti.

Ikompli jispjega:

*"Kif konna ghaddejjin ahna qlajna daqqa minn din in-nahha u kif qed nghidlek tefghana gol-barriers tal-bankina u fl-istess hin rajna l-karozza qed tinqaleb minn maghna hekk, il-karozza li laqtitna, li tatna d-daqqa inqalbet, habtet ma karozza ohra u baqghet sejra."*[42]

Mix-xhieda ta' Ramona Barbara u MaryAnne Borg[43] irrizulta li kienu passiggieri fuq wara tal-vettura misjuqa mill-imputat. Ix-xhud Ramona Barbara, li tigi s-siehba tal-imputat stqarret li kienet aljenata u *" niftakar li kont qieghda nitkellem ma' Maryanne n-naha l-ohra tieghi kienet qieghda ma' genbi bilqieghda, smajt daqqa fuq il-genb u rajt karozza tinqaleb, jiena dik biss niftakar."*[44]

Ix-xhud MaryAnne Borg xehdet l-istess u stqarret *"niftakar li konna ghaddejjin fit-triq, qlajna daqqa minn wara, jien wara kont speci ma kienx mohhni fit-triq."*[45]

Mix-xhieda ta' Antoine Grech[46] irrizulta li x-xhud jahdem mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili u stqarr li l-karozza ta' l-imputat baqghet wieqaf fil-karregjata taghha fid-direzzjoni lejn fejn kienet sejra lejn in-nahha ta' l-ghassa ta' Bormla. It-triq kellha zewg karreggjati – wahda bid-direzzjoni l-isfel lejn l-ghassa ta' Bormla u ohra fid-direzzjoni 'l fuq lejn il-Birgu. Meta accedew fuq

---

[42] Folio 47 ta' l-atti processwali
[43] Folio 49-52 ta' l-atti processwali
[44] Folio 49 ta' l-atti processwali
[45] Folio 51 ta' l-atti processwali
[46] Folio 85-91 ta' l-atti processwali

il-post gew infurmati li l-vittma maqbud gewwa l-karozza ta' l-ghamla Toyota Aygo silver bin-numru JDS 931 kien mejjet u intalbu l-assistenza sabiex johorguh minnha.

L-istess xhudipprezenta rapport maghmul minnu stess dwar l-incident.[47]

Illi din i-xhieda giet ikkoroborata mix-xhieda Fabian Farrugia[48], Lawrence Raymond Spiteri[49], Natalino Tabone[50] u Luca Crisifoli[51] li ifformaw parti mill-grupp li taw l-ewwel rispons ghal-incident.

**Ikkunsidrat**
**Inkjesta Magisterjali**

Illi malli sar maghruf li Emanuel Micallef kien tilef hajtu dak in-nhar ta' l-incident, infethet inkjesta mil-Magistrat Inkwirenti Dr. Charmaine Galea LL.D fejn hi hatret diversi esperti sabiex jghinuha fil-kaz. Illi fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2017 gie esebit il-*procel verbal* tal-inkjesta u l-Qorti kif kienet diversament ipreseduta kkonfermat in-nomina tal-esperti fil-kors ta' l-istess inkjesta.[52]

Illi l-esperti ta' l-awtopsja, Professur Marie Therese Camilleri u t-tabib Dr. Ali Safraz[53] ghamlu l-awtopsja tal-katavru ta' Emanuel Micallef nhar it-30 ta' Mejju 2016 u ikkonstataw li l-kawza tal-mewt kienet frattura tal-kranju u lacerazzjoni tal-mohh u li Micallef kien miet fil-post minhabba incident tat-traffiku.

---

[47] Dok AC1, Folio 92 ta' l-atti processwali
[48] Folio 93-96 ta' l-atti processwali
[49] Folio 97-100 ta' l-atti processwali
[50] Folio 101-104 ta' l-atti processwali
[51] Folio 105-107 ta' l-atti processwali
[52] Folio 30 ta' l-atti processwali
[53] Dok MTC1, Folio 33-36 ta' l-atti processwali

Fir-rapport[54] esebit minnhom ikkonstataw li

*"The scalp is lacerated. The skull shows multiple comminuted fractures of the vault. There is a fracture of the base involving the roof of both orbits and the cribriform plate. There is also a fracture on the left side extending from the vault to the left posterior cranial fossa. There is a laceration of the left cerebral hemisphere."*[55]

Bhala konkluzjoni l-esperti jikkonfermaw li *"the death of this middle aged male is certified as being due to fractured skull and laceration brain following a motor vehicle accident."*

L-espert PS 422 Neil Godwin Caruana ipprezenta u halef relazzjoni fl-inkjesta li tikkonsisti principalment fi tmienja u sebghin (78) ritratt.[56]

L-espert tabib Dr. Mario Scerri ikkonkluda fir-rapport[57] tieghu li l-kawza tal-mewt kienet *"definittivamanet kagun tat-trawma vjolenti."*

Mix-xhieda u r-rapport ta' l-espert Dr. Mario Buttigieg[58] irrizulta li kien hemm kollizjoni bejn tlett karozzi. Id-dinamika ta' l-incident kien li l-imputat li kien qed issuq il-vettura ta' l-ghamla Toyota Vitz bin-numru tar-registrazzjoni CBP876 *"ghamel U-turn, irriversja, dahal jigifieri go triq sekondarja, irriversja bil-kontra, ezatt kif kien se jaqla' jigi tat-Toyota Aygo, jolqot lil tal-Vitz fuq wara, konsegwentement l-Aygo litteralment ittir, taret, u habtet mal-karozza l-ohra l-HBH*

[54] Dok MCAS, Folio 108-111 ta' l-inkjesta magisterjali
[55] Folio 36 ta' l-atti processwali
[56] Dok NC, Folio 113-118 ta' l-inkjesta magisterjali
[57] Folio 175-214 ta' l-inkjesta magisterjali
[58] Folio 54-66 ta' l-atti processwali

*741 li kienet gejja mid-direzzjoni opposta, deflected u spicca fuq in-naha tax-xellug tat-triq u miet fuq il-post."*[59]

Fil-konkluzjoni tar-rapport[60] ta' l-espert ikkonkluda

*"Illi hija l-opinjoni umli tal-esponent illi dan jidher illi kien incident kien ikkagunat b'negligenza ta' Jason Zammit illi gab konsegwenzi ferm gravi meta b'negligenza rriversja go triq maggura u dahal gol-vija tal-allegat vittma li kien qed isuq fil-karreggjata tieghu. Illi ghal dan il-ghan l-esponent umilment jissuggerixxi illi jista' jkun hemm evidenza prima facie li jittiehdu passi kriminali kontra Jason Zammit."*

In kontro ezami, l-espert ikkonferma li l-velocita' massima fit-triq fejn sehh l-incident kienet ta' tletin kilometru fis-siegha u dan huwa anke indikat b'sinjali kemm fit-triq u anke bhala tabelli u li l-karregjata hija maqsuma b'linja bajda.

L-espert ikkonferma wkoll li l-karozza ta' l-imputat kellha daqqiet fuq wara, hsarat fuq il-*mud shield* fuq in-naha tal-lemin ta' wara, il-*mud shield cover*, il-mirja tal-gemb, il-*bumper* u l-bieba ta' quddiem tan-naha tal-lemin u l-*mud shield* ta' wara kellu hsarat. Ir-raguni ghalfejn il-*bumper* ta' quddiem kien maqlugh kien minhabba ghax habat mal-*bollard* mal-bankina u bhala konsegwenza infaqa' ukoll ir-*radiator* tal-ilma.

Id-daqqa fuq wara tal-karozza kienet fuq in-naha tas-sewwieq. Madankollu ma kienitx xi daqqa estensiva izda kkunsidrata bhala *side sweep collision…. li bazikament ma jkunx hemm exchange of momentum bejn il-karozzi. Imma kienet… illi s-centre of gravity tat-Toyota Aygo li litteralment tixxiftja, jigifieri shifted, u b'hekk inqalbet jigifieri l-karozza.*[61]

[59] Folio 55 ta' l-atti processwali
[60] Dok MB, Folio 120-142 ta' l-inkjesta magisterjali
[61] Folio 57 ta' l-atti processwali

Fix-xhieda tieghu fl-udjenza tat-23 ta' Jannar 2018, l-espert ikkonferma li l-impatt kien *"fil-kantuniera ta' wara tan-naha tal-lemin."*[62]

Meta gie ezaminat ic-CCTV *footage* li gie elevat kien hemm qbil da parti ta' l-espert li l-vettura Toyota Vitz kienet diga' bdiet miexja u kienet harget fit-triq principali.

*"Iva mela. Harget bir-reverse. Tefa' first u se jibqa' jsuq. Mela hawnhekk fejn sehh l-impatt. L-impatt sehh naqra aktar 'l fuq."*[63]

L-espert ikompli jtenni li *"Kienet ghadha kemm qalghet. Ma kenitx ghaddejja fit-triq kif qalu fix-xhieda taghhom huma."*[64] Fil-fatt kienet ghadha fuq *l-first* u ma kienetx *dead stop*. Kien wara li ghamlet il-manuvra tar-reverse li kienet bdiet miexja bil-quddiem u bdiet taqla'.

L-espert stqarr ukoll li l-vittma kien ghaddej b'velocita' b'sahhitha u maghdud mal-fatt li l-karozza li kien qed issuq hija hafifa din setghet facilment tinqaleb, anke li kieku semplicement misset bankina.

L-incident sehh ghaliex *"bazikamnet hi kwazi mxiet mal-gemb tal-karozza kollha tan-naha tal-lemin, l-ewwel sehh l-impatt fuq il-bumper ta' wara u l-mudguard, baqghet miexja, imbaghad litteralment ixxiftjat u taret fuq il-karozza l-ohra."*

Meta kien mistoqsi in kontro ezami jekk is-sewqan tal-vittma kienx kompatibbli ma' *overtaking*, ix-xhud espert stqarr *"kif l-imputat kien ha jaqla', kien ha johrog*

[62] Folio 127 ta' l-atti processwali
[63] Folio 129 ta' l-atti processwali
[64] Folio 130 ta' l-atti processwali

*minn din is-side road, litteralment baqa' diehel fuq wara. Issa jekk kienx ha jaghmel overtaking u ra l-Fusion, il-Ford Fusion gej mid-direzzjoni opposta, ma nistax nghidlek dik, ma kont kemm."* [65]

Fir-rigward tad-distanza bejn it-triq minn fejn ghamel il-manuvra bir-*reverse* l-imputat u l-posizzjoni fejn instabet il-vettura tieghu stqarr li kien hemm ftit metri. L-impatt sehh ezatt bejn it-triq sekondarja u t-triq il-maggura, imbaghad bid-daqqa l-karozzi mxew ftit metri 'l isfel ta' madwar ghaxra sa tnax il-metru. Peress li l-imputat kien ghadu qed jaqla u jibda ssuq mill-manuvra li ghamel minn gewwa triq sekondarja ghal-triq maggura, ma kienx hemm *brake marks* x'jikonstata ghaliex ezatt kif kien ha jaqla gie l-vittma u jtih daqqa minn wara u b'hekk seta jikkonferma li l-imputat kien qed issuq bi velocita hafna inqas minn tlettin kilometru fis-siegha kif kien permessibli fl-inhawi.

Ix-xhud ikkonferma wkoll in kontro ezami li l-imputat kien wasal sal-*stop sign* qabel beda jsuq u kiser gol-karregjata. Illi meta sar l-impatt mal-vettura tal-vittma, l-imputat kien fit-triq il-maggura qabel ma hadu fuq in-naha ta' wara tal-lemin u ghadda bi zbrixx minn mieghu u tefa' l-karozza ta' l-imputat gol-*bollards*.

L-espert izid jghid ukoll li meta ha x-xhieda guramentata hadd mix-xhieda li kienu gewwa l-karozza ta' l-imputat ma qalulu dwar il-manuvra bir-*reverse* li ghamel l-imputat u kien sforz tal-filmati li dan is-stat ta' fatt gie maghruf.

Fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2017[66], id-difiza talbet estenzjoni tal-karigu ta' l-espert biex isiru l-kalkoli tal-velocita' li kienet ghadejja biha l-vettura tal-vittma.

---

[65] Folio 58 ta' l-atti processwali
[66] Folio 53 ta' l-atti processwali

Wara li l-Qorti laqghet it-talba, rega xehed l-espert fl-udjenza tat-28 ta' Novembru 2018.[67]

Illi l-espert esebixxa t-tieni rapport tieghu[68] fejn permess ta' dan ir-rapport stabilixxa l-velocita' li kien ghaddej biha l-vittma li miet, Emanuel Micallef waqt li kien qed isuq il-karozza tieghu Toyota mudell Aygo, bin-numru tar-registrazzjoni JBS 931.

L-espert iddetermina li minn meta sehh l-impatt sakemm strahet il-karozza, il-vettura hadet 0.4 ta' sekondi u b'hekk seta' jikonstata li l-velocita tieghu kienet ta' 99.54 kilometri fis-siegha u fil-konkluzjoni ta' l-istess rapport kien irraportat bhal 100 kilometru fis-siegha[69] u dan meta l-velocita massima f'din l-inhawi kienet ta' tlettin (30) kilometru fis-siegha. Il-vittma seta wkoll jikonstata l-*perception* li wiehed jista jara lil din il-karozza li kienet hierga minn triq sekondarja ghal triq maggura b'distanza ta' 13.83 metri sa 27.65 metri boghod.

L-espert ikonstata li din id-distanza tirraprezenta fejn sewwieq seta' jilma ostaklu u bbrejkja sabiex jevita l-incident. Madankollu ikkonferma wkoll li jekk sewwieq ikun taht l-influwenza ta' xorb jew droga r-*reaction time* se tkun itwal u allura it-tlettax il-metru diskrepanza fil-verita' trid tkun aktar u m'hemmx mod kif tiddertemina f'dawn ic-cirkostanzi.[70]

Mit-tielet rapport ta' l-istess espert gie determinat li l-vettura Toyota Aygo hija armata bi brekjijiet ufficjalment msejjha *anti breaking system* u li vettura ta dan

[67] Folio 113-114 ta' l-atti processwali
[68] Dok MB2, Folio 116-122 ta' l-atti processwali
[69] Folio 121 ta' l-atti processwali
[70] Folio 139 ta' l-atti processwali

it-tip iddum erbatax punt disa' (14.9s) sekondi biex tilhaq il-mitt kilo metru fis-siegha.[71]

Minn dan jirrizulta b'mod car li l-vittma kien ghaddej b' velocita' ecessiva ta' aktar mit-tripplu minn dak permissibbli f'dik iz-zona. Illi li kieku l-vittma kien ghaddej bi velocita skond il-ligi kien hemm il-possibilta tad-distanza sabiex jara l-vettura ta' l-imputat.

Mix-xhieda ta' l-espert Dr. Steven Farrugia Sacco[72] irrizulta li fuq il-post ta' l-incident kien hemm CCTV cameras li minnhom setghu jingibdu filmati u fotogrammi mill-istess filmati u b'hekk jigi kkonstatat il-hin ta' l-incident.[73]

Mix-xhieda ta' l-espert perit Dr. Robert Musumeci[74] irrizulta li fit-triq in kwistjoni hemm indikat li l-velocita' massima fit-triq hija ta' tletin kilometru fis-siegha u li z-zewg karreggjati huma maqsumin b'linja bajda miksura. L-incident sehh fejn tinsab Triq Matty Grima illi tisporgi ghal fuq it-triq magguri u fl-istess Triq Matty Grima hemm indikat *stop sign* fit-tarf tat-triq. Meta acceda fuq il-post kien hemm *brake marks* indikati fit-triq. Illi dan kollu gie ikkonfermat mir-rapport tieghu stess esebit fl-inkjesta magisterjali.[75]

Il-perit ikkonstata li fil-hin tal-incident kien ghadu d-dawl, l-istat tat-tarmak tat-triq kien jidher wiehed integru u l-art dehret niexfa.

[71] Dok MB3, Folio 155-165 ta' l-atti processwali
[72] Folio 67-69 ta' l-atti processwali
[73] Vide Dok SFS1, Folio 27-44 u Dok SFS2, Folio 49-60 ta' l-inkjesta magisterjali
[74] Folio 70-77 ta' l-atti processwali
[75] Dok RM, Folio 63-106 ta' l-atti processwali

Mix-xhieda tat-tabib Dr. Mike Scott-Ham[76] irrizulta mir-rapport[77] tieghu li l-vittma Micallef fil-hin tas-sewqan kellu l-alkohol f'demmu.

*"Alcohol was detected in a concentration of 107 milligrams per 100ml, so that compares to the prescribed limit for Malta of 80 milligrams per 100 milliliters so it is in access of that."*[78]

Madankollu l-espert izid li l-kampjuni kif inhuma u l-hin sabiex l-akohol jinfirex fil-gisem, l-ammont ta' xorb fil-gisem kien iktar u l-koncentrazzjoni tad-demm bix-xorb setghet kienet bejn 104 – 288 miligrammmi, izda realistikament kienetx x'aktarx bejn 150 – 200 miligrammi[79]. L-espert ikkonstata li f'din is-sitwazzjoni persuni tkun fi stat ta' sokor.

Minn l-istess rapport irrizulta wkoll li s-sewwieq Micallef kellu Carboxy THC fid-demm tieghu f'koncentrazzjoni ta' 110H li juri li s-sewwieq kien pejjep il-cannabis ftit qabel l-incident u seta kien taht l-influenza tad-droga qabel ma saq.

*"…the likelihood is that it probably was fairly recent use. Now by that I mean within several hours of the crash."* [80]

*"…sometime that afternoon I would say. The effects of cannabis last generally two to three hours. Even up to four hours or so. But if you smoke that early in the afternoon period than he might not have been significantly effected by cannabis at the time of the crash."*[81]

---

[76] Folio 169-178 ta' l-atti processwali
[77] Dok MSH, Folio 216-228 ta' l-inkjesta magisterjali
[78] Folio 171 ta' l-atti processwali
[79] Folio 174 ta' l-atti processwali
[80] Folio 175 ta' l-atti processwali
[81] Folio 175-176 ta' l-atti processwali

*"we are talking about a state of drunkness in a normal social drinker, so that is lots of slurred speech, glazed eyes, staggering gate, perhaps drowsiness, poor coordination and we are talking that it could be easily twice the prescribed limit. Now that is likely to have a significant effect to someone driving a motor vehicle."*[82]

Fix-xhieda tieghu l-espert ikkonkluda *"if the effects of cannabis were still being experienced when alcohol was consumed then yes there would have been an enhancement of the overall intoxicating effects."*[83]

*"… the best estimate from the information we have got is that the cannabis would have been smoked probably that afternoon and alcohol well we cannot say when it was taken, when it was first consumed, but obviously there is potentially a significant amount there, which would suggest really some recent ingestion of alcohol rather than having had a huge amount the day before and it would be wearing off because that would be a ridiculous amount."*[84]

**Ikkunsidrat**

Illi mid-dinamika ta' kif sehh l-incident irrizulta li mit-tlett vetturi, kienet il-vettura tal-vittma li kienet ghaddejja b'sewqan eccessiv u b'velocita qawwija fi triq magguri u per konsegwenza ma setghax jikkontrolla w jzomm il-vettura tieghu. Il-konsegwenza kienet li l-ewwel laqat il-*mudshield* ta' wara u ta' quddiem tan-naha tal-lemin tal-vettura Toyota Vitz/Yaris misjuqa mill-imputat. Illi b'konsegwenza ta' l-ewwel impatt il-vettura baqghet diehla fil-vettura Ford Fusion misjuqa minn Joseph Incorvaja.

[82] Folio 172 ta' l-atti processwali
[83] Folio 177 ta' l-atti processwali
[84] Folio 177-178 ta' l-atti processwali

Wara li sehh dan l-impatt bejn dawn iz-vetturi, din daret fuq il-gemb taghha u baqghet mixja la gemba ghal distanza ta' tlett metri punt erbgha sakemm finalment strahet.

Kien hemm divergenza f'dak li sehh fil-mument qabel kien hemm kuntatt bejn iz-zewg vetturi ta' l-imputat u tal-vittma. Irrizulta li l-imputat dahal fi triq sekondarja minn fejn irriversja lura u dahal fit-triq magguri. Hekk kif Zammit beda miexi lura u kien fil-fatt saq ftit metri giet il-vettura misjuqa mill-vittma b'velocita qawwija bil-konsegwenza li habtet fil-wara tal-vettura ta' Zammit.

Il-punt ta' divergenza fil-fatti huwa li d-difiza ittenni li meta z-zewg vetturi gew f'kuntatt ma xulxin il-vetturi ta' l-imputat kienet diga dritta u miexja fit-triq u mhux ghadha qed taqla.

Irrizulta wkoll b'mod car li l-vittma kien qed issuq b'sewqan eccesiv u li kien taht l-influenza tax-xorb u d-droga li rendieh mhux kapaci li jikkontrolla l-vettura tieghu. Il-prosekuzzjoni ittenni bhala konsegwenza meta l-imputat irriversja got-triq il-magguri u ostakola l-vija tal-vittma, l-istess vittma ma setghax iwaqqaf il-vettura tieghu u l-vettura tal-vittma spiccat tahbat fuq wara ta' l-imputat. Dan l-impatt tant kien qawwi li tant kien hemm forza li bid-daqqa l-vettura ta' l-imputat baqghet dielha fil-*bollards* li hemm fil-gemb tat-triq waqt li l-vettura misjuqa mill-vittma giet *defelected* u taret ghal fuq il-vettura ta' Incorvaja.

Il-Qorti ezaminat ic-CCTV[85] kemm il-darba u minnha jirrizulta b'mod car li qabel ma sehh l-incident l-imputat ghamel manuvra b'*reverse* gewwa triq

[85] Folio 56 ta' l-inkjesta magisterjali

sekondarja. Illi din il-manuvra ma kienitx permessibli skond ir-regoli tat-traffiku f'dik it-triq.

Wara li jaghmel din il-manuvra ikompli ssuq biex jaqbad it-triq id-dritta. F'dan l-istadju l-vettura ta' l-imputat tidher tieqaf momentarjament u huwa propju fil-mument li l-imputat jidhol ghal go Triq Santa Tereza li sehh dan l-incident. L-incident sehh minhabba l-fatt li dak il-hin l-vittma kien ghaddej b'velocita fuq in-nahha l-ohra tat-triq u ma setghax jieqaf, kif ukoll minhabba l-fatt li l-vittma ma setghax jaqbez l-imputat ghaliex dak il-hin stess kienet tiela karozza ohra fil-kareggjata opposta.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta b'mod lampanti li Micallef kien ghaddej b'sewqan eccessiv kif ukoll li kien qed issuq bl-effett tax-xorb u d-droga u ma kellux kontroll fuq il-vettura tieghu. Bhala konsegwenza, l-vittma ma applikax il-brejks sabiex iwaqqaf li-karozza tieghu stess jew jimxi wara l-vettura ta' l-imputat kif kellu jaghmel.

Minflok irrizulta li l-vittma ghamel mossa sabiex jaqbez l-imputat b'velocita eccessiva, mar fuq il-karregjata opposta biex jaqbzu, izda minhabba l-fatt li dak il-hin kienet tiela karozza mid-direzzjoni opposta li kienet waslet vicin, sab ruhu f'sitwazzjoni inevitabbli fejn il-vettura tieghu hadet parti mill-vettura ta' l-imputat u sehh l-incident fattali.

Illi kif gie ritenut fil-kaz **Woodward** [1995] 1 WLR 375, Qorti ta' l-Appell:

*"…if a driver is adversely affected by drink, this fact is a circumstance relevant to the issue whether he was driving dangerously. Evidence to this effect is of probative value and is admissible in law. In the application of this principle two further points should be noticed. In the first place, the mere fact that the driver has had drink is not of itself*

*relevant: in order to render evidence as to the drink taken by the driver admissible, such evidence must tend to show that the amount of drink taken was such as would adversely affect a driver or, alternatively, that the driver was in fact adversely affected. Secondly, there remains in the court an overriding discretion to exclude such evidence if in the opinion of the court its prejudicial effect outweighs its probative value."*

Min-naha tieghu, il-parti fejn l-imputat irriversja ma kienitx il-parti determinanti ghal-habta. F' dan il-kaz il-parti determinanti kienet il-mument li ghafas il-pedala sabiex jibda ssuq l-isfel li kif fil-fatt hekk ghamel. Fil-mument li ghamel hekk u beda jsuq gie ghallarieda Micallef, ftit li xejn seta jaghmel xejn l-imputat f'dak il-mument stante li kien qieghed iktar il-quddiem mill-vittma.

Illi fil-kaz **Wright v. Wenlock** [1971] R.T.R. 228, DC; **Watts v. Carter** [1971] R.T.R. 232, DC. gie enfazzizat il-punt:

*"The facts of a particular case (such as failing to negotiate a bend and hitting a telegraph pole) may be such that, in the absence of any explanation, the only proper inference is that the driving was, at the very least careless".*

*Illi jigi relevat allura iktar u iktar meta l-isppjegazzjoni turi sens kbir ta' traskuragni u negligenza li kellu jinsab htija.*

Illi jirrizulta li l-vittma kellu negligenza minn naha tieghu u kien il-kagun li wassal ghal incident fattali.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef**[86] fejn il-Qorti stqarret dwar il-livell ta' prova li kellha titressaq:

---

[86] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu 2010

*"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.*

*Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probate. Id-dover talProsekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.*

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' talevent dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut."*

Il-Qorti hija tal-fehma li maghdud ma dawn il-fatti kollha li rrizultaw fil-mori tal-kawza, il-Qorti ma tistax tistrieh b'daqstant rassikurezza u unikament fuq ir-relazzjoni tal-espert tekniku bl-eskluzzjoni tal-provi l-ohra liema provi juru illi l-imputat kien diga beda t-triq id-dritta u li l-vittma kienet qed jipprova jaqbez b'manuvra ta' *overtaking* waqt li kien taht l-effett tax-xorb u droga u jsuq b'mod eccessiv.

Il-Qorti tqis li, mill-assjem tal-provi, ma tirrizultax li gie ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi, in-negligenza kriminali da parti tal-imputat. Ghall-kuntrarju, din il-Qorti hija aktar moralment konvinta li, f'dawn il-proceduri, kien proprju l-vittma, l-azzjonijiet tieghu, in-nuqqas ta' *proper lookout* huwa u niezel in-nizla li twasslu ghall-wita fi Triq Santa Tereza, Bormla. Dan l-ghaliex, kif jishaq l-espert Dr. Buttigieg, il-vettura tal-vittma kienet qed ittella' l-velocita' fin-nizla, sakemm fl-ahhar, fl-istat ta' intossikazzjoni li rrizulta li kien fih il-vittma, sab ruhu f'sitwazzjoni li ma setghax jevita meta sab il-vettura tal-imputat quddiemu, u in kwantu l-hinijiet ta' reazzjoni tieghu kienu certament kompromessi, ghamel manuvri li wasslu sabiex il-vettura nqalbet.

Ghalhekk, il-Qorti tqis li mill-assjem tal-provi kollha migbura u mressqa mill-prosekuzzjoni li l-kaz ma giex ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi u sejra tghaddi sabiex tillibera lill-imputat mil-ewwel imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**
**It-tieni imputazzjoni**

Illi qabel ma sehhet il-kollizzjoni u gara l-incident mertu ta' dan il-kaz, l-imputat dahal fi triq sekondarja u ghamel manuvra b'*reverse*. Filwaqt li din il-manuvra ma kientx dak li precipitat il-habta u ma jirrizultax li hija l-kawza diretta tal-habta, jirrizulta pero' li din il-manuvra kienet kontra s-sinjali tat-toroq u l-imputat ma setax jaghmel din il-manuvra b'dak il-mod.

L-azzjoni ta' l-imputat meta irriversja fi triq sekondarja ma kienetx l-azzjoni diretta li biha sehhet il-kolizzjoni kif hawn fuq spejgat. Jirrizulta li waqt li l-imputat kien qed issuq irriversja fi triq ohra hekk kif irrizulta mic-CCTV *footage*.

Mill-gdid il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Alfred Mifsud** fejn f'din is-sentenza l-Qorti tispjega illi: *"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza taddisposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat"*.

A bazi ta' dan l-insenjament, il-Qorti sejra ssib lill-imputat hati ta' din l-akkuza.

Madankollu l-Qorti tissottolinea li kien biss bl-Att XIV tal-2017 li l-pieni relattivi ghall-artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta saru kif inhuma llum. Qabel dakinhar, il-pieni massimi ghall-artikolu 15 (1) tal-Kap. 65 kienu multa ta' mhux izjed minn €232.94 jew prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur. Di piu', qabel l-emendi tal-2017, il-Qorti setghet tapplika l-artikolu 15 (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta (ossija dak relattiv ghall-iskwalifika lill-hati milli jkollu jew jikseb licenza tas-sewqan) biss "*fuq talba tal-prosekuzzjoni*".

Peress li ma jirrizultax, mill-imputazzjonijiet kif imressqa fil-konfront tal-imputat, li saret din it-talba lill-Qorti, in vista li l-imputat ghandu dejjem jibbenefika mil-ligi kif kienet qabel l-ementi introdotti bl-Att XIV tal-2017, din il-Qorti ma tistax tapplika xi skwalifika skond din id-disposizzjoni.

**Ikkunsidrat**
**It-tielet imputazzjoni**

Mir-rapport ta' l-espert Dr. Mario Buttigieg irrizulta li l-valur tal-vettura Toyota Aygo, bin-numru tar-registrazzjoni JBS 931 kienet ta' €9,917.36. Il-vettura gie dikjarata *beyond economical repair* in vista tal-hsarat estensivi li soffriet kif ukoll

minhabba l-fatt li sabiex inhareg il-vittma Emanuel Micallef, membri tal-protezzjoni civili kellhom iqacctu s-saqaf.[87]

Madankollu in vista tal-fatt li l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni din il-Qorti a skanz ta' ripetizzjoni ta dak kollu gia msemmi sejra tghaddi sabiex tiliberah mit-tielet imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**
**L-addebitu tar-recidiva**

Il-prosekuzzjoni talbet sabiex f'kaz ta' htija l-imputat jigi meqjus u trattat bhala recidiv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula skond l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-difiza fis-sottomissjonijiet taghha itenni li l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali huwa totalment inapplikabbli stante li dan l-artikolu jipprovdi ghal zieda fil-piena f'kaz ta' kundanni precedent ghal reati ta' serq. Fil-fatt ma jirrizulta ebda imputazzjoni relatat ma serq f'din il-kawza.

Il-prosekuzzjoni esebit l-fedina penali ta' l-imputat.[88] Filwaqt li fil-fedina penali jinsabu registrati sentenzi l-prosekuzzjoni ma esebitx jew ressqet is-sentenzi taghhom dwar l-addebitu tar-recidiva u ghaldaqstant sejra tghaddi sabiex tqis din il-parti ta' l-imputazzjoni bhala mhux ppruvata.

[87] Folio 138 ta' l-inkjesta magisterjali
[88] Folio 5-15 ta' l-atti processwali

**Decide**

Ghaldaqstant, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 225, 328(1), 49, 50, 289, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil imputat Jason Zammit

**Mhux hati** ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet dedotta kontrih, kif ukoll ta' l-addebitu tar-recidiva u tilliberah minn kull piena u htija; izda

**Hati** tat-tieni imputazzjoni dedotta kontrieh u tikkundannah multa ta' mitejn tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94);

In vista li l-esperti ma gewx mahtura fl-inkjesta minhabba l-imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati, u in vista li l-imputat gie mehlus mill-ewwel u t-tielet imputazzjoni, din il-Qorti mhijiex qed tornda li l-imputat ihallas xi spejjez ta' esperti a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

**Moghtija illum nhar il-18 ta' Mejju 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**